**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Kumpilazzjoni Numru 725/2018**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Ransley]**
**vs**
**Shaun Ray Belli**

**Illum, 27 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> "**Shaun Ray Belli,** detentur tal-karta tal-identita 513517(L);
>
> Billi nakkuzah talli nhar it-18 ta Novembru 2018 u/jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:
>
> 1. L-imgieba tieghu ammontat ghal-segwiment ta' Lisa Maria Cilia bil-mohbi u/jew kkagunalha biza f'ghallinqas zewg okkazjonijiet li ser tintuza vjolenza fuqha u/jew kkaguna fuqha allarm jew dwejjaq li kellu effett avvers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Lisa Maria Cilia;

2. Gab ruhu b'mod li kiser l-artikolu 251A(1) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u cioe li ta fastidju lil Lisa Maria Cilia u li l-imgieba tieghu ammontat ghal-segwiment ta' Lisa Maria Cilia bil-mohbi;

3. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u dan bi ksur ta' Artikoli 188 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Lisa Maria Cilia billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba ukoll flimkien ma' hrug ta' ordni ta' protezzjoni tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta' l-akkuzat Shaun Ray Belli u dan ai termini 412D tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali taht l-Artiklu 370 (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, a folio 7 tal-process, sabiex din il-kawza tinstema' bi procedura sommarja.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, a folio 19 tal-process.

Semghet il-provi.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-ammissjoni tal-imputat illi giet registrata fis-seduta tad-09 t'Ottubru 2019.

Rat illi fis-seduta tal-lum l-imputat rega' afferma l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat, l-akkuza jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi fil-kunsiderazzjoni tal-piena, l-Qorti qeghda tqis il-gravita tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat, il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi, l-fedina penali tal-imputat u l-ammissjoni tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artiklu 251BA (1) (a) (b) (ii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 251AA (1) (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiklu 49 (c) tal-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett snin mil-lum u multa ta' elfejn u erba' mitt Ewro (€2,400). Il-Qorti qeghda tpoggi wkoll lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qeghda tohrog ukoll Ordni ta' Protezzjoni favur Lisa Maria Cilia taht l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza lill-imputat fi kliem car u l-konsegwenzi u x'jigri jekk hu ma jonorax l-obbligi tieghu taht l-istess sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur